*- INCIDENT INDUSTRIJALI –*

*- AMBJENT LI JASSIGURA S-SAHHA TAL-HADDIEM -*

*- ATT. NUMRU. VII ta' l-1999; ART.2 (2) -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 4 ta' Lulju 2002**

**Kawza Numru: 2**
**Citazzjoni Numru: 2137/99/RCP**

**Emmanuel Felice**

**vs**

1. **Freeport Terminal (Malta) p.l.c.**
2. **Anthony Camilleri**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fit-12 ta' Lulju 1998 waqt li l-esponent kien qed jahdem bhala *port-worker* jghabbi fuq *tug master containers* minn Bay 51M f'Terminal Two tal-Freeport, meta f'daqqa wahda l-konvenut Anthony Camilleri, li kien qed jahdem bhala l-*R.T.G. operator*, laqat *container* bil-konsegwenza li dan il-*container* waqa' minn gholi ta' erba' *containers* ghal fuq it-*tug master* fejn kien qieghed fil-kabina l-attur u korrih serjament u kkagunalu danni skond kif jirrizulta ahjar mill-annessi Dokumenti mmarkati Dok. "EF1", "EF2" u "EF3".

Illi dan l-incident gara minhabba t-tort jew negligenza u / jew nuqqas ta' osservanza tal-prekawzjonijiet mehtiega *da parti* tal-konvenuti, jew min minnhom, kif jigi pruvat ahjar fit-trattazzjoni tal-kawza.

Illi l-konvenuti gew interpellati biex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mill-attur izda baqghu inadempjenti.

Illi l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-konvenuti, jew min minnhom, hu responsabbli ghall-korriment li sofra l-attur u ghad-danni konsegwenzjali.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur u dan jekk hemm bzonn bl-opra ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, ihallsu lill-attur id-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' April 1999 kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 sa 8 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Freeport Terminal (Malta) plc tal-11 ta' Novembru 1999 a fol. 12 fejn gie eccepit:

1. Illi s-socjeta' konvenuta ma ghandha ebda responsabbilta' ghall-incident u ghad-danni konsegwenzjali u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fil-konfront taghha.

2. Salve eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tas-socjeta' konvenuta a fol. 12 u 13 tal-process.

Rat il-verbali tat-2 ta' Dicembru 1999 fejn il-kawza giet differita ghan-notifika tal-konvenut Anthony Camilleri; tas-17 ta' Frar 2000 u tas-6 ta' April 2000 fejn Dr. George Abela talab li n-notifika tal-konvenut Camilleri ssir *ai termini* tal-Artikolu 187 (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors ta' Emanuel Felice tat-28 ta' April 2000 fejn ukoll talab li tali notifika ssir permezz tal-procedura ta' affissjoni, u d-digriet sussegwenti tal-Qorti datat 3 ta' Mejju 2000 fejn laqghet it-talba.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Anthony Camilleri fejn gie eccepit:

1. Illi l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez *stante* illi l-eccipjent bl-ebda mod ma kien responsabbli ghall-incident u ghad-danni kif allegati mill-attur.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet u lista ta' xhieda a fol. 22 u 23 tal-process.

Rat il-verbali tal-14 ta' Gunju 2000 fejn inghata digriet tal-affidavit tal-partijiet b'terminu ta' 40 gurnata lill-attur biex jipprezenta l-affidavits tieghu bil-visto / notifika lid-difensur tal-kontro-parti, li wkoll fi zmien 40 gurnata minn dakinhar jipprezenta l-affidavits tieghu bil-visto / notifika lid-difensur tal-kontro-parti; tas-26 ta' Ottubru 2000 fejn xehed l-attur u l-Qorti nnominat lil Mr. Charles Grixti bhala Perit Mediku biex jirrelata fuq id-dizabilita' permanenti allegata mill-attur u tal-14 ta' Frar 2001 fejn xehdu Alfred Micallef, George Agius u Ernest Tonna. Dr. Abela ddikjara li dwar responsabilta' m'ghandux provi aktar. Inghata digriet tal-

affidavits tal-konvenut b'terminu ta' sittin gurnata biex jikkonkludi l-provi tieghu.

Rat ir-rikorsi ta' Anthony Camilleri tal-10 ta' April 2001 u tat-2 ta' Mejju 2001 fejn talab li jigi estiz it-terminu ghall-prezentata tal-affidavits tieghu. Rat id-digrieti sussegwenti tal-Qorti tal-11 ta' April 2001 u tat-2 ta' Mejju fejn fiz-zewg istanzi l-istess talba giet milqugha u l-Qorti estendiet it-terminu ghall-konkluzjoni tal-provi tal-konvenuti.

Rat il-verbali tal-24 ta' Mejju 2001 fejn deher il-Perit Mediku Mr. Charles Grixti li halef ir-rapport tieghu.

Rat ir-relazzjoni tal-istess espert a fol. 105 sa 109.

Rat il-verbal tal-11 ta' Lulju 2001 fejn Dr. Zammit Maempel ghas-socjeta' konvenuta ddikjara li m'ghandux provi aktar.

Rat in-nota tal-avukat Dr. Tanya Sciberras Camilleri tal-15 t'Ottubru 2001 fejn biha rrinunzjat ghall-patrocinju tal-konvenut Anthony Camilleri.

Rat il-verbali tal-15 ta' Novembru 2001 fejn il-Qorti giet infurmata minn Dr. George Abela li hemm possibilta' li l-partijiet jittransigu u tas-7 ta' Frar 2002 fejn Dr. Abela nforma lill-Qorti li l-hlas baqa' ma sarx. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Gunju 2002; tas-27 ta' Gunju 2002 fejn l-attur iddikjara li l-ammont indikat fil-P3's esebiti ma jinkludix il-flus li jircievi mill-*lashing*. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-4 ta' Lulju 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi l-attur qed jallega li fit-12 ta' Lulju 1998 waqt li l-esponent kien qed jahdem bhala *port-worker* jghabbi fuq *tug master containers* minn Bay 51M f'Terminal Two tal-Freeport, meta f'daqqa wahda l-konvenut Anthony Camilleri, li kien qed jahdem bhala l-*R.T.G. operator*, laqat *container* bil-konsegwenza li dan il-*container* waqa' minn gholi ta' erba' *containers* ghal fuq it-*tug master* fejn kien qieghed fil-kabina l-attur u korrih serjament u kkagunalu danni skond kif jirrizulta ahjar mill-annessi Dokumenti mmarkati Dok. "EF1", "EF2" u "EF3".

Illi dwar kif sar l-incident l-istess attur sostna li l-ewwel tghabba fuq *container* fuq it-*tugmaster* u kif l-operatur tal-crane, Anthony Camilleri (No.436 u kien ilu jahdem mas-socjeta' konvenut almenu ghall sentejn) kien qed jghabbi *container* iehor, laqghat *container* li kien erba' (4) livelli gholi li gie fuq it-trailer tal-attur, u peress li dan tqil xi 25 tunnellata, bl-impatt l-attur li kien fil-gabina tar minn fuq is-*seat*, habat rasu mas-saqaf u mal-*monitor* u irkopptu mal-*isteering*.

Illi dwar dawn l-allegazzjonijiet ma hemm l-ebda kontestazzjoni u jidher li fil-fatt l-incident gara peress li l-

konvenut li kien qed jopera l-istess speci ta' *crane* li jimxi fuq ir-*rails* intenzjonat biex jghabbi *containers* u jhott l-istess min-naha ghall-ohra, waqt li kien qed igorr *container*, laqat *container* iehor li kien hemm stekkjat fir-raba' livell, b'dan li kien hemm tlieta ohra tahtu) u b'hekk dan waqa' fuq it-*tug master* li kien qed isuq l-attur bil-konsegwenzi fuq deskritti. Illi f'dak iz-zmien l-istess containers kienu jigu stekkjati erba' (4) *containers high* kollha, jigifieri kien ikun hemm 4 *containers* fuq xulxin il-fillieri kollha, izda mill-incident 'l hawn l-ewwel filliera bdiet issir ta' tliet *containers* sabiex ovvjament l-operatur tal-*crane* kellu aktar fejn jimmanuvra.

Illi dan kollu huwa konfermat mix-xhieda ta' Alfred Micallef u George Agius li fix-xhieda taghhom tal-14 ta' Frar 2001 kkonfermaw l-incident. Fil-fatt l-istess **Alfred Micallef** sostna li huwa kien wara l-attur b'*tug master* iehor dakinhar tal-incident li kien taht l-R T G, u kien ga tghabba fuqu *container*, u kif gie biex qabad it-tieni *container* minn wara, dan ma giex olzat bizzejjed biex jaqbez l-*four high containers* li kien hemm fil-bidu bil-konsegwenza li habat ma dan il-*container* u dan waqa' fuq it-*trailer* li kien qed isuq l-attur, li hareg mit-trakk wahdu mugugh. Wara dan l-incident tbiddlet is-sistema ta' kif isir ix-xoghol b'dan li fi kliem l-istess xhud:-

*"Biddlu s-sistema ghax il-four high ahna konna narawh bhala perikolu meta specjalment jiehu minn wara, ghax hi l-isteck ta' fejn inkunu jkun hemm sitt containers wara xulxin, qed tifhem, u jekk igib minn wara l-ahhar wahda jhalluha*

*four high, mhux dejjem, skond il-kaz taghhom, kif imexxu min-naha taghhom tal-Freeport, allura jigi li l-four high qeghda hemm, dan l-operator, ikun ghaddej jinsih jew xi haga, ma joghliex bizzejjed jista' jtajru. Allura ahna biex innaqsu kemm jista' jkun ipprotestajna biex ghall-anqas innehhu wiehed biex meta hu u hiereg ikun hemm wiehed baxx".*

Illi dan kien qed jinghad relattivament ghall-ewwel filliera, u b'hekk ikun hemm l-ewwel filliera ta' tliet *containers* u mhux erbgha (4) u din bdiet tithaddem meta weggghet persuna ohra, apparti l-attur fuq dan il-lant tax-xoghol, xi sena wara l-incident tal-attur u sa llum l-istess sistema baqghet *in vigore*.

Illi **George Agius** ukoll kien lest biex jghabbi bit-*tug master* tieghu, u kien wara x-xhud precedenti, u kkonferma kemm kif sar l-incident u kif ukoll li f'dak iz-zmien l-ewwel *row* kienet b'erba' (4) fillieri mentri llum l-ewwel *row* qed tkun bi tliet (3) *containers.*

Illi **Ernest Tonna** xehed li huwa kellu l-kariga ta' *Security u Safety Manager mal-Freeport Corporation* u l-*port workers* huma mpjegati mal-Malta Maritime Authority, li joperaw it-*tug masters* jew *trailers* jew jaghmlu l-*lashing.* L-operatur tal-RTG huwa mpjegat tal-Korporazzjoni konvenuta, li jigu ttrenjati ghal perjodu ta' sitt (6) xhur, jaghmlu *test*, u l-konvenut Camilleri kien ilu li ghadda minn dan it-*test* minn Jannar 1998.

Illi skond l-istess xhud *"it-Terminal jistakkja four high li hija safe skond ir-regolamenti mhux biss ta' Malta imma ta' kullimkien, kien hemm dan l-incident u xi sena u xahrejn wara kien hemm incident iehor li pres a' poco gara l-istess haga, u wara ftehim bejn il-Union u l-Terminal iddecidew li l-ewwel filliera tibda tkun three high".*

Illi dan gara *nonostante* li l-makkinarju tal-Freeport jiflah *five high.* Sostna li l-impjegati tal-istess korporazzjoni jinaghtaw *manual* tat-*Traffic u Safety Regulations. Safety officers* kien hemm ix-xhud biss, u f'dak iz-zmien ma kienx ghadu ha din il-kariga, izda kien hemm il-*Marine Manager* li kien jaghmilha wkoll ta' *Safety Officer.* Wara li tbiddlet is-sistema gara ncident ukoll fuq *two high.*

Illi l-ewwel punt li jird jigi deciz huwa ta' min kienet ir-repsonsabbilta' tal-istess incident, u mill-provi fuq prodotti hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li z-zewgt konvenuti ghandhom jinzammu solidalment bejniethom responsabbli ghall-istess incident ghar-ragunijiet differenti skond ir-rwol taghhom fl-istess kif ser jigi spejgat iktar 'il quddiem.

Illi fil-fatt l-konvenut Anthony Camilleri, li lanqas biss xehed f'din il-kawza kien l-operatur tal-istess R T G u kien huwa li laqat l-*container* fl-ahhar filliera li kien *four high* meta mar biex jaqbad it-tieni *container* sabiex jghabbih fuq it-*tug master* li kien qed jigi ggwidat mill-attur, u jirrizulta li wara li qabad l-istess *container* ma gholliehx bizzejjed biex jaqbez il-filliera tal-bidu li kienet sa dak iz-zmien *four high*, bil-konsegwenza li l-*container* milqut waqa' ghal fuq it-*tug*

*master* tal-attur, bil-konsegwenzi ndikati fic-certifikati medici esebiti u redatti f'din il-kawza.

Illi ma hemm l-ebda dubju f'ghajnejn din il-Qorti li l-incident *ut sic* gara minhabba din in-negligenza *da parte* tal-konvenut Camilleri, li minhabba nuqqas ta' attenzjoni laqat l-istess *container* anke jekk dan kien *four high* u certament ta' ostakolu meta wiehed ikun qed igib *containers* mill-fillieri iktar il-gewwa; pero' tali diffikulta kienet tirrikjedi attenzjoni massima mill-operatur tal-istess R T G sabiex proprju jigi evitat li ssir hsara lill-istess *containers* u lill-persuni u apparat li jkun tahtu. Dan jidher li ma sarx u d-danni sofferti mill-attur huma r-rizultat ta' dan l-akkadut, kif gie ampjament ippruvat fl-atti ta' din il-kawza.

Illi ghar-rigward il-korporazjoni konvenuta, veru li din sostniet li hija taghmel ezercizzji u anke testijiet lill-impjegati taghha qabel ma huma jibdew jaghmlu dan ix-xoghol ta' operaturi ta' dawn il-*cranes,* pero' fl-opinjoni ta' dan ma huwiex bizzejjed *stante* li fl-ewwel lok jidher li f'dak iz-zmien *Safety Officers ut sic* ma kienx hemm u fit-tieni lok jidher li l-prassi li dak iz-zmien kienet tezisti li l-ewwel filliera wkoll kienet tkun ta' erba' (4) *containers* fuq xulxin, li kienet qed tohloq diffikulta lill-operaturi tal-istess *cranes* meta jigu biex jiehdu *containers* aktar 'il gewwa mill-istess filliera, bil-konsegwenza li kellhom necessarjament jghollu l-istess apparat izjed sabiex jigu biex jaqbzu l-istess filliera, li hija operazzjoni perikoluza aktar u aktar meta jkun ghadu kemm intrefa' *container* minn livell aktar baxx.

Illi l-allegazzjoni li tali *crane* kien jiflah *span* anke ta' *five high* ma hija l-ebda skuzanti ghall-koporazzjoni konvenuta, *stante* li jibqa' l-fatt li tali manuvra kienet qed tohloq diffikolta' ghall-operaturi tal-istess *crane,* u periklu ghall-utenti tat-*trailers* li jkunu tahthom lesti biex jghabbu, u dan il-perikolu seta' facilment jigi evitat billi l-ewwel filliera jitnaqqas l-gholi taghha, kif fil-fatt sussegwentement gara wara incident simili ghal dak tal-attur, u wara li ntlahaq ftehim f'dan is-sens bejn il-Union rapprezentanta tal-istess haddiema u l-korporazzjoni, u dan wara li kienu saru diversi lmenti mill-istess rapprezentanti tal-*port workers* kontra tali sistema li kienet qed tigi adoperata.

Illi ovvjament dan mhux ser jelimina l-periklu ta' ncidenti f'dan it-tip ta' xoghol, pero' kull haga li tnaqqas dak il-periklu ghandha tigi kkunsidrata, u l-fatt innifsu li din is-sistema giet abbandunata, u l-ewwel filliera m'ghadhiex tkun ta' *four high* izda ta' *three high,* turi li fiha nfisha din is-sistema hija ta' anqas perikolu ghall-utenti tal-istess *R T G* u ghal *port workers* li jkunu xoghol f'dak il-hin. Illi l-Qorti thoss li tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz din is-sistema kellha tigi adoperata ferm qabel iz-zmien meta effettivament giet adottata *stante* li huwa ovvju li tipprovdi anqas riskju u periklu ghall-haddiema nvoluti, u toffri *safety feature* addizzjonali, kontra anke l-element uman li huwa dejjem prezenti fl-istess tip ta' xoghol.

Illi jigi relevat li *ai termini* tal-**Att biex jippromwovi s-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol - Att Numru VII ta' l-1994 fl-artikolu 2 (2)** tal-istess jinghad li:-

***Art. 2 (2) (a)*** *"Illi huwa dmir ta' min ihaddem lil xi persuna ohra li jizgura li l-post fejn isir ix-xoghol ikun hieles minn sogri bla bzonn ghas-sahha u minn perikli li jistghu jigu evitati ghall-inkolumita' fizika u psikologika tal-haddiema".*

***Art.2 (2) (b)*** *"Huwa dmir ukoll ta' min ihaddem li jizgura illi kull process ta' xoghol imqabbad minnu jkun hieles minn kull sogru bla bzonn ghas-sahha u minn kull perikolu li jista' jigi evitat ghall-inkolumita' fizika u psikologika tal-haddiema mpjegati minnu u ta' haddiema impjegati minn xi persuna li lilha jkun qabbad xi xoghol, sew jekk tkun persuna li timpjega lilha nifisha, kuntrattur jew sub-kuntrattur".*

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti, minhabba dak fuq premess, il-korporazzjoni konvenuta meta ma haditx in konsiderazzjoni l-perikolu zejjed li l-haddiema kienu qed jinkorru meta l-ewwel filliera baqghet tigi mghobbija *b'four high,* u b'hekk ziedet il-pressjoni fuq l-operaturi tal-istess *cranes* b'mod li l-istess xoghol gie rez aktar difficli u ghalhekk il-possibilta' ta' incidenti giet mizjuda, bil-konsegwenza ta' hsara u dannu kkawzat lill-istess haddiema li jkunu taht l-istess *crane* jew R T G jew apparat li jgorr l-istess *containers.*

Illi dan il-komportament tal-istess korporazzjoni konvenuta huwa aktar serju meta wiehed jikkonsidra li *nonostante* l-fatt li kien hemm gja' lmenti ghall-uzu ta' tali sistema mill-

haddiema nifishom u mill-*port workers* u rapprezentanti taghhom, naqset fl-obbligu taghha li tipprovdi post aktar sikur u dan kemm jista' jkun, fejn il-haddiema jistghu joperaw, u dan in-nuqqas huwa aktar accentwat meta jigi kkunsidrat li f'dak iz-zmien tal-incident *Safety Officer per se* lanqas kien hemm, ghaliex kien hemm biss *Marine Manager* li kien jaqdi din il-funzjoni.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti, illum il-gurnata l-htiega ta' *safety officers* debitament imharga hija necessita' *sine qua non* f'kull azjenda serja li trid verament tara li r-regoli tax-xoghol dwar il-protezzjoni u s-sigurta' tal-haddiema fuq il-post tax-xoghol jigu mantenuti u mizmuma f'kull hin, u ghalhekk in-nuqqas tal-istess hija difett serju fih innifsu fil-kuntest tal-obbligi taghha skond il-ligi sabiex jinzammu *safety standards* ta' livell u serji fuq il-lant tax-xoghol, liema persuni kwalifikati jkunu jistghu jaraw u jassiguraw mhux biss li r-regoli jigu osservati, izda huma nfushom jaraw li jintroducu metodi fejn dejjem il-perikolu ta' hsara lill-haddiema jigi dejjem imnaqqas jekk mhux eliminat.

Illi ghalhekk l-istess socjeta' konvenuta skond kif gie ritenut fis-sentenza **"Gordon Spiteri vs Waste Control Services Limited"** (.P.A. R.C.P. 25 ta' Jannar 2000) "*ma pprovdietx dak li kellha tipprovdi "a safe system of work", b'dan li ma osservatx id-dover taghha li tippovdi post tax-xoghol li ma jkunux ta' perikolu u riskji ghas-sahha tal-istess utent taghhom* (**"Carmelo Cini vs Carmel Caccopardo nomine" - N.A. 5 ta' Ottubru 1999);** fil-fatt gie dikjarat fis-sentenza **"Borg vs Wells et nomine" (K. 9 ta' Settembru**

**1981)** illi *" in planning a system of work, the employer must take into account the fact that the workmen become careless in works involved in their daily work",* u dan tenut kont *"tal-atmosfera tax-xoghol, id-diffikultajiet li jsib il-haddiem fil-kors tax-xoghol tieghu, il-hinijet twal, l-ghaggla fix-xoghol, nuqqas ta' ghajnuna minn haddiema ohra li jkunu nkarigati biex jahdmu mieghu fuq ix-xoghol"* u f'dan il-kaz li l-korporazzjoni konvenuta tibqa' tinsisti li thalli l-istess l-ewwel filliera b'gholi ta' erba' (4) *containers,* meta kienet ovvja d-diffikulta' u l-perikolozita' ta' tali sistema, kien nuqqas serju *da parte* taghha, li ma haditx b'hekk in konsiderazzjoni d-diffikultajiet inerenti fl-istess xoghol, u senjatament fuq l-operaturi tal-istess *cranes,* aktar u aktar meta wiehed jikkonsidra li f'dan it-tip ta' xoghol, il-haddiem ikun irid jaghti x-xoghol tieghu ghal numru ta' *containers* f'certu ammont ta' hin.

Illi tenut kont tal-principju stabbilit fis-sentenza **"Joseph Bugeja vs Anthony Falzon" (P.A. 30 ta' April 1997),** reitterata fis-sentenzi **"Emmanuel Grech vs Carmelo sive Charles Farrugia et nomine" (Appell. 7 ta' Dicembru 1994) u "Keith Caruana vs Joseph Paris et nomine" (P.A. 12 ta' Frar 1999)** il-Qorti sostniet illi bl-applikazzjoni tal-artikoli appositi, huwa obbligu ta' min ihaddem biex jipprovdi kondizzjonijiet li jassiguraw is-sahha tal-haddiem fuq il-post tax-xoghol tieghu. Tal-istess portata hija s-sentenza ricenti **"Robert Camilleri vs Malta Shipbuilding Company Limited"** (P.A. AJM 26 ta' Frar 2001) fejn inghad li s-socjeta' konvenuta ghandha tinzamm

responsabbli meta ma tiehux hsieb li tipprovdi ambjent li jassikura s-sahha tal-haddiem.

Illi ghalhekk l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha fil-konfront taz-zewg konvenuti kif premess stante li huma t-tnejn responsabbli ghall-incident *de quo* solidalment bejniethom.

**III. LIKWIDAZZJONI TA' DANNI.**

Illi jirrizulta li s-salarju ta' l-attur ma kienx fiss *stante* n-natura tax-xoghol. Kwindi din il-Qorti wara li rat Dok. "X", "Y" u "Z" a fol. 116 sa 118 tal-process u hadithom in konsiderazzjoni ser tikkalkula s-salarju fuq Lm12,000 fis-sena, li jirrizulta li huwa *pres a poco* l-*average* ta' paga li kien jircievi l-attur fl-istess zmien.

Illi jirrizulta li l-istess attur li twieled fis-sena 1945 kellu tnejn u hamsin sena (52) meta gara l-incident fis-sena 1998 u wiehed fil-likwidazzjoni ta' danni ghandu jiehu kont ghalhekk tal-**Artikolu 1045 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**, li jipprovdi li l-*"persuna responsabbli ghandha twiegeb (inter alia) ghat-telf ta' qliegh li tbati 'l quddiem minhabba nkapacita' ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-ghemil seta' jgib".* **Fl-artikolu 1045 (2)** tali "*somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita' tigi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u b'mod partikolari, x-xorta u l-grad ta' nkapacita` ikkagunata, u l-kundizzjoni tal-parti li tbaghti l-hsara".*

Illi tali regoli gew supplimentati bil-principji stabbiliti fil-kawza **"Michael Butler vs Peter Christopher Heard"** (A.C. 22 ta' Dicembru 1967) li pero' giet aggustata ghaz-zminijiet aktar ricenti peress li kif intqal fil-kawza **"Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et"** (A. 16 ta' Novembru 1983) *"ic-cirkostanzi tal-hajja anke fil-Gzira taghna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qeghdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru ghaxar snin jew ghoxrin sena ilu".*

Illi hekk, per ezempju, ghar-rigward tal-*multiplier* applikat ghall-kuncett tal-*working life expectancy of the victim* fejn qabel ic-*ceiling* qatt ma eccedda l-20, pero' llum bis-sentenza **"Mary Bugeja nomine et vs George Agius nomine"** (A.C. 26 ta' Lulju 1991) is-sitwazzjoni tbiddlet ghaliex l-istess Onorabbli Qorti rrikonoxxiet illi ghalkemm is-sistema stabbilita f'**Butler vs Heard** hija dik l-aktar addattata, sakemm tinstab sistema ohra ta' komputazzjoni ohra aktar gusta, pero' dan ma jfissirx illi "*Il-Qorti ghandha jew tista' tikkonsidra ruhha marbuta rigorozament ma' applikazzjoni tas-sistema msemmija li jorbtilha jdejha li dejjem u f'kull kaz ghandha tapplika multiplier li f'certi cirkostanzi evidentement ikun iwassal ghall-likwidazzjoni rreali jekk mhux addirittura ngusti. Fil-fehma konsiderata taghha, sistema, tkun liema tkun, hija tajba purche' thalli f'idejn il-gudikant dak il-margni ta' diskrezzjoni li hu jhoss li konformement ma' l-aspetti partikolari ta' kull kaz hu necessarju sabiex issir gustizzja".*

Illi dan gie segwit bis-sentenza **“Vincent Axisa vs Alfred Fenech et”** (P. A. 16 ta’ April 1991) fejn il-Qorti sostniet illi *“din il-Qorti hija tal-fehma li ma ghandhiex tkun marbuta ma’ decizjonijiet li jillimitaw il-life expectancy sa massimu ta’ ghoxrin sena”, u* tali principju gie konsistentement segwiet u zviluppat mill-gurisprudenza nostrali tenut kont dejjem tac-cirkostanzi kollha tal-kaz in partikolari, u inkluz *‘changes and chances’* tal-hajja b’dan li l-Qorti ma ghandha tkun qatt marbuta ma’ “*xi massimu gja’ stabbilit sa llum li, fl-ahhar mill-ahhar, huwa dejjem arbitarju w opinistiku”.* **(“Karen Zimelli vs Michael Sammut” - P.A.)**

Illi din it-tendenza giet segwita f’diversi sentenzi fosthom **“Jacqueline Cassar vs Joseph Buhagiar et” (P.A. 1.3.1992); “Duncan Vassallo vs Khalid Schwej” (P.A. 8 ta’ Marzu 1996); “Robert Barbara vs Saviour Galea” (P.A.11 ta’ Ottubru 1996) “Susan Davies vs Anthony Galea (P.A. 10 ta’ Ottubru 1997); “Joseph Attard vs Carmelo D’Amato (P.A. N.A. 5 ta’ Ottubru 1999) “George Gatt vs Francis E. Carbone” (App.  7 ta’ Lulju 1998); “Anthony Turner et vs Francis Agius et” (G.C.D. 17 ta’ Frar 1998) “Arthur Bonello nomine vs James Camilleri et” (J.S.P. 13 ta’ Jannar 1998) “Abela vs P.M.” 30 ta’ Dicembru 1994) ,** fejn ghalhekk il-*multiplier* gie aggustat sabiex jirrifletti r-realta’ odjerna, u aspettattiva aktar ekwa u konformi mal-gustizzja effettiva.

Illi fil-fatt din it-tendenza, alimentata mill-animu sabiex id-danneggjat ikun verament u realment ikkumpensat tad-danni li sofra, u dan apparti l-kuncett ta *“pain and*

*suffering”,* giet mehuda wkoll *oltre* f’certi pronunzjamenti mill-Qrati taghna, fosthom **“Mary Bugeja vs George Agius” (P.A. J.H. 12 ta’ Jannar 1987)** li sostniet illi *“l-Qrati fil-pronincjamenti taghhom dwar il-kriterji li ghandhom jintuzaw biex jippruvaw jaghmlu tajjeb ghall-incertezzi li l-likwidazzjoni ta’ danni f’kazijiet simili, dejjem jaghtu lok ghalihom li qatt ma jirrunzjaw ghall-fakolta’ diskrezzjonali taghhom………. Dik l-Onorabbli Qorti ppronunzjat ruhha li taqbel li ghandu jkun hemm certa elasticita’ ta’ kriterju ghaliex il-pronunzjament huwa wiehed ta’ probabilta’. Id-danneggjat jinghata somma kapitali darba wahda biss li meta tinghata b’sentenza mhiex aktar soggetta ghall-ebda revizjoni. Ghalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista’ jkun mar-realta`”.* Din fil-fatt ghandha tkun il-mira ta’ kull evalwazzjoni u kalkolazzjoni ta’ danni. Din l-istess vina giet segwita fil-kawzi **“Emanuel Agius vs Joseph Galea et nomine” (K.G.M.B. 11 ta’ Lulju 1989) u “Mario Camilleri vs Mario Borg et nomine” (G.M.B.)** fejn inghad illi *“l-Gustizzja li taf il-Qorti hija dik li fil-limiti tar-realta’ u kemm huwa possibbli, terga’ tpoggi l-vittma, ta’ kwalsiasi att ingust, fl-istat li kienet qabel…… Huwa ngust li f’dawn il-kazijiet, u fejn ir-restituzzjoni fizika tal-gisem u s-sahha tal-vittma ta’ l-att illegali u ngust ta’ haddiehor m’huwiex possibbli, ma tassikurax kemm tista’ jkun kompensazzjoni adegwata. Altru milli imprevist. L-ezercizzju huwa fuq ir-realta’ sakemm hija prevedibbli a bazi ta’ statistika u nduzzjoni”.*

Illi aktar jidher car li a bazi tal-ligi taghna, il-kwantifikazzjoni tad-danni hija fl-atitudini wiesgha mhollija fid-diskrezzjoni

tal-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u ghalkemm certi principji ghandhom jezistu, u fil-fatt jezistu ghas-soluzzjoni tal-istess, dawn certament ma humiex assoluti, u l-Qorti zgur li ma hijiex obbligata li tapplika l-istess, specjalment meta r-rizultat tal-applikazzjoni taghhom ma jwassalx ghall-kumpens reali u adegwat.

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, applikat ukoll fis-sentenzi **"Anton Debono vs Law. Quintano"** (P.A. RCP 24 ta' Marzu 2000) u **"Raymond Gauci vs Christopher Galea"** (P.A. RCP 26 ta' April 2001), jirrizulta li l-attur kellu 52 sena meta gara l-incident, u ghalhekk kellu *"working life expectancy*" ta' cirka 9 snin u fic-cirkostanzi ma thossx li ghandha tapplika *multiplier* anqas, minn dan l-ammont ta' zmien, anke ghaliex ma ngabu ebda provi ghaliex dan ghandu jkun anqas.

Illi jirrizulta wkoll illi l-attur sofra debilta' permanenti ta' 8% skond ic-certifikat ta' Mr. Charles Grixti a fol.108 u 109 tal-process fejn jirrizulta li l-attur sofra "*griehi fit-tessuti tas-sinsla meta kien involut fl-incident fit-12 ta' Lulju 1998 u dan ghaliex x'aktarx li mal-moviment tat-trailer waqt li hu kien fil-gabina taz-ziemel, is-sinsla giet sfurzata 'l quddiem"; "jidher li hemm gbid tal-ligamenti tan-naha t'isfel tad-dahar li ghadu jippersisti u li qed jaffetwa lil Felice meta jkun baxxut fuq xoghlu. Minhabba dan Felice jrid joqghod attent li jzomm is-sinsla dritta u flok jitbaxxa jrid jinzel gharkobbtejh jew kokka".* Ghalhekk a bazi tal-premess, l-ammont li ghandu jigi likwidat favur l-attur huwa is-segwenti:-

Lm12,000 x 9 x 8% = Lm8,640

Il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi tal-kaz ghandu jkun hemm tnaqqis ta' *lump sum payment* ta' 20%, u ghalhekk qed tillikwida l-ammont li ghandu jithallas lill-attur *in linea* ta' danni kawza tal-incident premess ghall-Lm6,912 (Lm8,640 - Lm1,728 (20% *deduction)* = Lm6,912) liema ammont ghandu jithallas lill-attur mill-istess konvenuti.

Illi jinghad fl-ahharnet li dan huwa wkoll ibbazat fuq in-nozzjoni li skond is-sentenza **"Joseph Bartolo *et vs* George Zammit"** (P.A. GV. 30 ta' April 2001) fejn inghad li:-

*"The fixation of damages is so laregely a matter of opinion or of impression that differences of calculation or assessment are expected. There is to some extent an exercise of judicial discretion.(Morris L.J. in* ***Scott vs Musial****)".*

Illi ma' dan irid jizdied l-ammont ta' Lm3,706 ghaliex jirrizulta li bejn il-perjodu Lulju 1998 sa Novembru 1998 huwa qala' Lm2,638 mentri kellu jaqla' Lm6,344 kif jidher mill-introjtu ta' certu Michael Scicluna li wkoll jahdem bhala *port worker* kif jidher minn Dokument "EF 1" u dan ghaliex li minhabba li kien imwegga' l-attur ma setghax jattendi ghax-xoghol u ghalhekk dan l-ammont intilef minnu; u dan apparti l-ammont ulterjuri ta' Lm1,066.87 bhala xoghol ta' *lashing* bejn il-perjodu tal-20 ta' Lulju 1998 sal-4 ta' Awissu

1998 u Lm1,267.70 ghall-perjodu bejn it-18 ta' Novembru sat-30 ta' Novembru tas-sena 1998 (Dok. "EF 2") li l-istess attur ghall-istess raguni ma setghax jaghmel ghaliex kien imwegga'.

Illi ghalhekk l-ammont totali li ghandu jigi likwidat a favur l-attur huwa ta' Lm12,952.57 (tnax-il elf, disa' mija u tnejn u hamsin lira Maltin u sebgha u hamsin centezmu) konsistenti fl-ammont ta' Lm6,912 fuq likwidat bhala danni minhabba d-debilita' permanenti li huwa sofra kawza tal-incident *oltre* l-ammonti fuq indikati ta' Lm3,706; Lm1,066.87 u Lm1,267.70.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha taz-zewgt konvenuti, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddikjara illi l-konvenuti huma responsabbli flimkien u *in solidum* bejniethom ghall-korriment li sofra l-attur u ghad-danni konsegwenzjali.

(2) Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' tnax-il elf, disa' mija u tnejn u hamsin lira Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm12,952.57).

(3) Tikkundanna lill-konvenuti flimkien u in solidum bejniethom sabiex ihallsu lill-attur id-danni kollha hekk

likwidati fl-ammont ta' tnax-il elf, disa' mija u tnejn u hamsin lira Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm12,952.57).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' April 1999 u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**4 ta' Lulju 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**4 ta' Lulju 2002**